*- Divjet ta' xhieda minn membri tal-Kumitat dwar il-Ħatriet Tal-Ġudikatura -*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 15 ta' Marzu 2022**

**Rikors Nru. 234/2021 GM**

**Avukat Dr Anna Mallia K.I.592159M**

**vs**

**(1) Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura;**

**(2) Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għal kull interess li jista' jkollha tenut kont li l-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura huwa sotto kumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja;**

**(3) L-Avukat tal-Istat**

Fil-31 ta' Jannar 2022, ir-rikorrenti talbet, permezz tal-formola appożita, li jitħarrku:

(1) Frank Mercieca bħala segretarju tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura biex (a) jipproduċi r-rapport li l-Kumitat għadda lill-President tar-Repubblika (b) jipproduċi r-regolamenti li saru mill-istess Kumitat u (ċ)

jixhed dwar kif kien kompost il-Kumitat għall-intervista li saret lil kull applikant.

(2) L-Avukat Louis Degrabriele bħala membru tal-istess Kumitat sabiex jixhed dwar ir-regolamenti li saru mill-istess Kumitat.

Fid-9 ta' Frar 2022, din il-Qorti laqgħet it-talba.

Fl-14 ta' Frar 2022, il-Kumitat oġġezzjona għall-produzzjoni tax-xhieda u tad-dokumenti, għal żewġ raġunijiet:

(1) In-nuqqas ta' rilevanza tagħhom. Wara s-sentenza in parte, l-unika kawżali li fadal tiġi ttrattata hi l-konformita` tal-Art. 96A tal-Kostituzzjoni ma' disposizzjonijiet oħrajn tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Konvenzjoni ċċitati mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħha. Dak li għamel il-Kumitat m'għadux mertu tal-kawża.

(2) Skont Art. 96A(7) il-proċeduri tal-Kumitat huma kunfidenzjali, jinżammu fil-magħluq, u l-ebda membru jew segretarju tiegħu ma jista' jintalab jixhed dwar dokument riċevut jew xi ħaġa diskussa jew trasmessa lil jew mill-Kumitat.

Fil-25 ta' Frar 2022 ir-rikorrenti wieġbet li:

(1) Il-Kumitat huwa sottokumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u għalhekk ma jista' jagħmel ebda talba għall-isfilz tax-xhieda mingħajr il-kunsens tal-Kumissjoni.

(2) Ir-regolamenti ġew ippubblikati u kulma qiegħdha titlob hi l-awtentiċita` tagħhom.

(3) Flimkien mar-regolamenti ġew ippubblikati l-Guidelines for the Expression of Interest u nġunġiet lil Dr. Louis Degabriele biex jiċċertifika l-awtentiċita` tagħhom u jesebixxu kopja tagħhom. Dr Degabriele kien responsabbli għat-tfassil tagħhom.

(4) Il-kompożizzjoni tal-Kumitat ma taqax taħt id-divjet tal-Art. 96A(7).

(5) Ir-rapport tal-Kumitat lill-President ma jaqax taħt id-divjet tal-Art. 96A(7). Tant li l-uffiċċju tal-President xandar min intgħażel u min baqa' riżervat kemm bħala mħallef kif ukoll bħala maġistrat. Fi kwalunkwe każ il-Qorti dejjem tista' tordna l-produzzjoni kunfidenzjali tar-rapport li jkun disponibbli biss lill-partijiet u lill-avukati tagħhom.

(6) F'każ li l-Qorti ma taqbilx li jista' jiġi prodott ir-rapport kollu, is-Segretarju għandu jixhed dwar jekk il-Kumitat ippreżentax 4 rapporti bi 3 ismijiet f'kull rapport għal kull vakanza ta' ġudikant inkella ġiex ippreżentat rapport wieħed biss kif ġie rrappurtat fil-*media.*

B'riferenza għall-ewwel raġuni mressqa mill-Kumitat, il-Qorti ma taqbilx għal kollox miegħu li x'għamel u m'għamilx mhuwiex iktar rilevanti wara s-sentenza in parte ta' din il-Qorti. Lanqas taqbel li billi l-kompatibilita` o meno tal-Art. 96A tal-Kostituzzjoni ma' disposizzjonijiet oħra tagħha u/jew mal-Konvenzjoni dwar jeddijiet fundamentali tal-bniedem huwa purament punt ta' liġi, m'hemmx bżonn ta' provi. Filwaqt li l-kweżit dwar jekk hemmx tali konflittwalita` jista' jiġi riżolt mingħajr provi, għaliex huwa punt ta' dritt, dejjem jifdal il-ħtieġa ta' provi dwar il-fattispeċje partikolari li fih ikun ġie applikat l-imsemmi Artiklu. Hija din l-applikazzjoni li tirradika l-interess ġuridiku tal-ilmentatriċi, li apparti li tikkonvinċi l-Qorti dwar il-konflittwalita` msemmija, trid ukoll tipprova li sofriet preġudizzju permezz tat-tħaddim ta' din il-konflittwalita. Għalhekk xorta waħda trid tipprova li ltaqa' l-Kumitat, li għamel għażla, u li għamilha fis-sigriet. Dak li għamel il-Kumitat, għalhekk, għadu, anke jekk f'dan is-sens biss, mertu tal-kawża. Li m'għadux mertu hu jekk il-Kumitat aġixxiex *ultra vires* jew *rite et recte.*

Il-Qorti, min-naħa l-oħra, lanqas taqbel mal-ewwel eċċezzjoni tal-ilmentatriċi li l-Kumitat huwa sottokumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u għalhekk ma jista' jagħmel ebda talba għall-isfilz tax-xhieda mingħajr il-kunsens tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tista' tagħti l-ebda permess bħal dan. Id-disposizzjonijiet tal-Art. 96A(7) jorbtu bis-segretezza lill-Kumitat innifsu u mhux lill-Kummissjoni. Membri jew is-segretarju tal-Kumitat lanqas jekk iridu ma jistgħu jixhdu, sakemm din il-Qorti ma tiddikjarax l-inkostituzzjonalita` tal-istess disposizzjoni. Mhux biss ma jistgħux jixhdu dwar id-deliberazzjonijiet, imma lanqas dwar ir-riżultati u l-komunikazzjoni tagħhom lill-President tar-Repubblika; għaliex l-Art. 96A(7) huwa redatt b'mod mill-iktar wiesa' u jkopri kull "ħaġa diskussa jew trasmessa lil jew mill-Kumitat". Deċiżjoni dwar jekk għandhomx jixhdu tolqot il-mertu nnifsu tal-każ u għalhekk żgur li l-Qorti mhix sejra tagħtiha f'dan l-istadju.

Il-Qorti għalhekk tagħti permess li s-Segretarju tal-Kumitat jiġi prodott bħala xhud biex jesebixxi:

1. Ir-regolamenti.
2. Il-Guidelines for the Expression of Interest.
3. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat għal kull applikant.

Moqri bil-mifuħ waqt l-udjenza tal-lum.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA